Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0127

Ftehim UE-Euratom dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija: adozzjoni mill-Euratom

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2025 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-Ftehim dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom (COM(2024)0256 – C10-0092/2024 – 2024/0146(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2024)0256),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0092/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A10-0008/2025),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-

Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.